# IL-KAPPELLA TA' GUARINI JEW TAS-SANTA SINDONE

Il-kappella tal-Lizar Imqaddes jew il-kappella Guarini huwa xoghol arkitettoniku ta' l-artikett Guarino Guarini, mibnija



gewwa Turin fi tmiem is-seklu 17, kapulavur tal-Barokk Taljan.

Fuq ir-rotunda kollha mahduma minn irham iswed, b'arkati u pilastri sbieh u ta' proporzjoni kbir tispikka l-koppla.



Inizjalment il-kappella kienet ikkummisjonata lil Carlo de Castellmonte mid-Duka Carlo Emanuele I ta' Savoia biex fiha jippreserva d-drapp prezzjuz u ghaziz tal-Lizar ta' Kristu li l-familja Savoia kienet izzomm fil-kustodju taghha.

Maz-zmien, il-progett kien modifikat minn iben Carlo, Amedeo di Castellamonte u aktar tard minn Bernardino Quadri li kien responsabbli mid-disinn ta' binja f'forma kwadra bejn il-palazz dukali u l-Katidral ta' San Giovanni Battista. Is-sala tat-tempju

giet modifikata minn Bernardino Quadri f'forma ta' rotunda u elevata ghal l-ewwel sular tal-Palazz Dukali

Imma fl-ahhar, il-progett gie fdat f'idejn is-sacerdot arkitett Guarino Guarini li wara li telaq minn Parigi fis-sena 1666 waqaf fil-kapital ta' Savoia u s-sena ta' wara ha r-responsabilita' tax-xoghlijiet tal-Kappella, u addotta d-disinn tar-rotunda kif svillupat minn Bernardini Quadri li kien kwazi temm ix-xoghol fuq l-ewwel livell li kien jikkoncidi mas-sala tat-tempju. Guarini ghamel xi tibdiliet li skont l-opinjoni tieghu riedu jsiru biex isahhah il-hitan irqaq li qajmu thassib kbir. Biddel il-pjanijiet tal-koppla u ddisinjha biex tati aktar dawl . Ix-xoghol fuq il-koppla intemm  fis-27 ta' Ottubru 1679 u xi zmien wara, jigifieri fit-12 ta' Mejju tas-sena 1680 il-Guarini nnifsu qaddes l-ewwel quddiesa nawgurali fil-kappella.

Fl-ewwel nofs tas-seklu 19 il-kappella giet imzejna b'xi gruppi ta' statwi li kienu jirraprezentaw xi persunaggi  ta' fama tad-dar ta' Savoia, ikkummissjonati mir-re Carlo Alberto lil 4 artisti differenti. Dawn jirraprezentaw lid-Duka Amedo II, id-duka Emanuele Filiberto ta' Savoia, id-duka Emanuele II u l-princep Tommaso di Savoia-Carignano.

Il-kappella tal-Lizar ta' Kristu giet maghluqa ghall-pubbliku f'Mejju 1990 meta waqghet bicca irhama.

Fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' April 1997 nirien hakmu lill-kappella u din garrbet hsarat kbar. Kienet il-qlubija tan-nies tat-tifi tan-nar li l-Lizar ta' Kristu gie salvat. Kissru l-hgiega *bulletproof* biex hargu l-Lizar bl-inqas hsara possibli. Il-kappella

kienet maghluqa ghall-pubbliku ghal 21 sena li matulhom sar restawr li gie jiswa mat- 30 miljum euro. Il-kappella infethet mill-gdid fis-sena 2018, Settembru 27.

Fil-prezent din ir-relikwa hija preservat fil-katidral ta’ Turin.



Il-koppla minn barra



L-ARTAL LI FUQU KIEN PRESERVAT IL-LIZAR TA’ KRISTU.

Tajjeb li wiehed ikun jaf li sa minn mindu wasal Turin fis-sena 1578, il-Lizar Imqaddes kien espost ghall-wiri pubbliku ftit drabi biss matul kull seklu. Dan jista’ jkun minhabba s-sigurta li jgibu maghhom wirjiet bhal dawn. Hemm ipotesi qawwija hafna fost l-awtoritajiet ta’ Turin, ghalkemm dan ma hux ippruvat, li n-nirien ta’ April tas-sena 1997 fil-kappella Guarini u l-Palazz Rjali tqabbad apposta.

Meta fis-sena 1978 din ir-relikwa giet esposta pubblikament ghal hamest gimghat madwar 3.5 miljum vizitatur dahlu Turin biex izuruh. Organizzazzjoni bhal din hija bicca ugigh ta’ ras ghal l-awtorita’.

Aktar importanti huwa l-fatt li l-espozizzjoni tal-Lizar ghall-arja mahmuga u d-dawl UV waqt l-esebizzjoni tista’ thalli hsara kemm fuq id-drapp kif ukoll fuq ix-xbiha.

Il-wirja li jmiss huwa mahsuba li tkun fis-sena 2025